# Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ

## Oliver Friggieri

## Kapitlu 14



**K 13.** Nikkummenta b’mod kritiku fuq testi letterarji.

**KA 13.3e.** Nanalizza modi kif it-test letterarju jista’ jew ma jistax jirrelata mal-esperjenzi tiegħi.

**Taħriġ A: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Bħala student/a x’inhi l-opinjoni tiegħek fuq l-eżamijiet tal-iskola? Taqbel ma’ Toninu ?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. Taqbel ma’ Toninu dwar is-suġġetti tal-iskola? Spjega b'eżempji ta' xi suġġetti.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Int tieħu gost tiltaqa’ ma’ sħabek tal-iskola bħal Toninu? Għid għaliex.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

Isem:______________________ Klassi: ___________________

4. Taqbel man-narratur meta jgħid "... l-ferħ tal-btajjel seta' jħossu biss minħabba x-xhur mgħoddijin fuq il-bank tal-injam"? Agħti eżempju minn ħajtek.



______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. Ġieli xi ħadd tak parir siewi fuq il-ħajja li għadek tużah sal-lum? Spjega.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. L-għalliem permezz ta' poeżija fiehem lill-istudenti dwar l-iskop tal-poeżija fil-ħajja. Semmi poeżija li laqtitek u li bis-saħħa tagħha ksibt tagħlima għal ħajtek.



______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Meta missier Toninu beda jispjega lil ibnu dwar il-ħtieġa tal-eżamijiet tal-ħajja, stqarrlu li dan kien qiegħed jgħidhulu "Biex trabbi saħħa dejjem akbar, u biex tidra timxi, u jekk taqa' terġa' tqum." Aħseb ftit dwar dak li int għaddejt minnu, semmi ċirkustanza fejn int ħaddant din il-mentalità u meta ltqajt ma' ostaklu, minflok ħallejtu jikkundizzjonak, għamilt il-kuraġġ u għelibtu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

8. Toninu ġieli kien iħossu ħuta barra mill-ilma ma' sħabu li "donnhom kibru diġà bla ebda tbatija." Ġieli ħassejtek bħal Toninu, differenti mill-oħrajn? Spjega.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

**Taħriġ B: Aqta' linja taħt it-tajba.**

1. X'teknika letterarja qiegħed juża Friggieri fil-kwotazzjoni li ġejja?

   "bħall-ħin li fl-iskola kien idum biex jgħaddi,

   bħal-lezzjonijiet li kellhom isiru waħda wara l-oħra, bħal tarġiet wara xulxin ta' indana twila waħda"

   a) *metafora* b) *similitudni* ċ) *alliterazzjoni*



2. Xi stil ta' kitba qiegħed juża l-awtur fil-kwotazzjoni li ġejja?

   "X'jiġifieri?"

   "'Il quddiem għad tifhem. Għalissa aħseb biss f'dawk li għandek fl-iskola."

   a) *stil deskrittiv* b) *stil konverżazzjonali*

3. Friggieri permezz tal-għalliem jispjega l-iskop tal-poeżija. B'hekk l-għalliem huwa ________________ tiegħu.

   a) *r-rappreżentant* b) *l-kelliem* ċ) *is-simbolu*

4. F'din is-silta jispikkaw il-memorji ta' Friggieri mħalltin mal-immaġinazzjoni tiegħu. B'hekk jidher l-element _____________.

   a) *bijografiku* b) *komiku* ċ) *sarkastiku*



5. Il-frażijiet: "jżomm f'moħħu" u "qatt taqta' qalbek" huma ________________.

   a) *metafori* b) *espressjonijiet Maltin sarkastiċi*

**Taħriġ Ċ: Wieġeb din il-mistoqsija.**

1. Semmi żewġ mekkaniżmi mit-taħriġ preċedenti jew oħrajn differenti (tista' tagħżel minn tekniki letterarji sa stili ta' kitba) li juża l-awtur li permezz tagħhom il-qarrej jidħol aktar fil-qari u jgħinuh jirrelata mal-esperjenza ta' Toninu. Spjega l-effett li joħolqu fuqek.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

